**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**V**

**BRIAN CILIA**
**RENALD BARBARA**

**Illum, 22 ta' Jannar, 2001**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **BRIAN CILIA** ta' ghoxrin sena bin Emanuel u Mary Ivy nee Walker, imwieled Pieta u joqghod 141, Wieden Nickle, Triq r-Radina, Zebbug, detentur tal-karta tal-identita numru 299979M u **RENALD BARBARA** ta' tmintax il-sena, bin Paul u Vincenza nee Fenech, imwieled Pieta u joqghod 4, Alley 1, Triq Gherixiem, Rabat, detentur tal-karta tal-identita numru 129981M, gew imressqa quddiemha akkuzati talli **flimkien** f'dawn l-Gzejjer f'dawn l-ahhar xhur b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-

ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-lejl ta' bejn l-ewwel t-tnejn ta' Gunju, 1999 mill-bajja maghrufa bhala Tal-Ghazzinin, f'San Pawl il-Bahar, kkommettew serq ta' dghajsa tal-ghamla Bahri bin-numru ta' registrazzjoni S-9722, kif wkoll mutur *outboard* tal-ghamla Yamaha Enduro li huma stmati li jiswew izjed minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin, lok u valur u sar ghad-dannu ta' Joseph Camilleri minn B'Kara;

Talli **flimkien** matul dawn l-ahhar tlett xhur qabel t-tmintax ta' Gunju, 1999 f'Malta, bil-lejl, kkommettew serq ta' mutur *outboard* tal-ghamla Johnson li huwa stmat li jiswa aktar minn mitt lira maltin, izda inqas minn elf lira maltin, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin, lok u valur u sar ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa.

Lil **Brian Cilia wahdu** talli fil-lejl ta'bejn l-ghaxra u l-hdax ta' Gunju, 1999 mill-bajja maghrufa bhala Il-Menqa, f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta flimkien ma persuna ohra, serq ta' mutur *outboard* tal-ghamla Evinrude minn fuq dghajsa bin-numru ta' registrazzjoni S-9638 li hu stmat li jiswa izjed minn mitt lira maltin izda inqas minnn elf lira maltin, liema serq hwua ggravat bil-mezz,

hin, lok u valur u sar ghad-dannu ta' Vincent Gauci minn San Pawl il-Bahar.

Lil **Brian Cilia wahdu** talli fil-lejl ta' bejn t-tmienja w ghoxrin w d-disgha w ghoxrin ta' Mejju, 1999 mill-bajja maghrufa bhala Tal–Ghazzinin f'San Pawl il-Bahar, kkommetta serq ta' mutur *outboard* tal-ghamla Yamaha li huwa stmat li jiswa aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin, lok u valur u li sar ghad-dannu ta' Sandro Camilleri minn San Pawl il-Bahar.

Lil **Renald Barbara u Brian Cilia flimkien** talli nhar d-disgha w ghoxrin ta' Mejju, 1999 matul il-gurnata minn Triq Isouard f'San Pawl il-Bahar, kkommettew serq ta' mutur tal-ghamla Yamaha Bop bin-numru ta' registrazzjoni FBG 652 lil huwa stamt li jiswa izjed minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u x-xorta tal-haga misruqa u sar ghad-dannu ta' John Said minn San Pawl il-Bahar.

Lil **Renald Barbara u Brian Cilia flimkien** talli fil-lejl ta' bejn t-tlieta u l-erbgha ta' Gunju,, 1999 minn Triq San Pawl f'San

Pawl il-Bahar, kkommettew serq ta’ mutur tal-ghamla Suzuki bin-numru ta’ registrazzjoni FBD 094 li huwa stmat li jiswa aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin, valur u xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ Emanuel Deguara minn San Pawl il-Bahar.

Lil **Renald Barbara u Brian Cilia flimkien** talli matul dawn l-ahhar sitt xhur qabel l-ghoxrin ta’ Gunju, 1999 mill-Armier limiti tal-Mellieha, kkommettew serq ta’ mutur tal-hart, li jiswa aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin, liema serq huwa aggravat bil-mezz u valur u dan ghad-dannu ta’ sid mhux maghruf.

Lil **Renald Barbara wahdu** talli fil-lejl ta’ bejn l-wiehed u ghoxrin u t-tnejn u ghoxrin ta’ Mejju, 1999, minn Taz-Zerb, limiti taz-Zebbiegh, Imgarr, flimkien ma xi persuni ohra kkommetta serq ta’ pompa tal-ilma tal-ghamla Akna li hija stmata li tiswa iktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin u dan ghad-dannu ta’ Emanuel Muscat mill-Imgarr.

Lil **Renald Barbara wahdu** talli matul dawn l-ahhar tlett xhur qabel l-ghoxrin ta’ Gunju, 1999 minn Taz-Zerb, limiti taz-

Zebbiegh, Imgarr, flimkien ma xi persuni ohra kkommetta serq ta' pompa tal-ilma li hija stmata li tiswa aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u valur u dan ghad-dannu ta' Emanuel Muscat mill-Imgarr.

Lil **Renald Barbara wahdu** talli fit-tmienja w ghoxrin ta' April, 1999 matul il-gurnata minn Alley 2, Triq il-Kullegg, Rabat, flimkien ma persuna ohra kkommetta serq ta' zewg roti (bicycles) li huma stmati li jiswew 'l fuq minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Rita Camilleri mir-Rabat.

Lil **Renald Barbara wahdu** talli flimkien ma persuna ohra matul dawn l-ahhar sitt xhur qabel l-ghoxrin ta' Gunju, 1999 minn Paradise Bay Hotel fic-Cirkewwa, kkommetta serq ta' kwantita ta' flus kontanti barranin ghad-dannu tal-koppja Skidmore u Reynolds, liema serq huwa aggravat bil-mezz, lok u valur.

Lil **Renald Barbara u Brian Cilia flimkien** talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta

jew xjentement b'kull mod lil jkun indahlu biex jbieghuhom jew jmexxuhom.

Lil **Renald Barbara u Brian Cilia flimkien** talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi, waqt l-kommissjoni tas-serq tal-muturi tad-dghajjes, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin ghad-dannu ta' diversi sidien tal-istess muturi.

Lil **Renald Barbara wahdu** talli huwa recidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom u b'mod partikolari l-kunsens tal-Avukat Generali datat dsatax ta' Lulju, 1999, esibit bhala dokument CSH 6 a fol 20 tal-atti processwali odjerni, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza b'mod sommarju.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja wara li nghataw zmien xieraq biex iwiegbu kif jirrizulta a fol 36 u 37 tal-atti processwali odjerni.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lill-Probation Officer Marianne Zammit tixhed fil-konfront tal-imputat Brian Cilia.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat Renald Barbara rigward it-tieni, it-tielet, is-sebgha, it-tmien, id-disgha, l-ghaxar, il-hdax u l-hmistax akkuzi u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li issibu hati taghhom, filwaqt li fil-konfront tal-imputat Brian Cilia semghet l-ammissjoni tieghu rigward it-tieni, it-tielet ir-raba', is-sitt, is-sebgha, it-tmien, id-disgha u l-hmistax il-akkuza u taghhom issibu hati.

Il-Qorti qabel xejn tawgura kemm lill-Ufficjal Prosekutur u lill-Avukat Difensur tal-mod serju u professjonali li ttrattaw din il-kawza meta gew biex jghamlu it-trattazzjoni tal-kaz u tawspika li tali dedikazzjoni w impenn ikompli jissahhah f'kull kaz futur.

Il-Qorti pero' baqghalha numru ta' akkuzi x'titratta li l-imputati ma ammettewx u ghalhekk huwa l-kompitu tal-Qorti sabiex tesamina l-atti u tara jekk il-Prosekuzzjoni rrnexxilhiex tipprova tali akkuzi sal-grad li trid il-ligi u cioe 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Renald Barbara m'ammettiex ghal erbgha akkuzi u cioe` l-ewwel, it-tnax, it-tlettax u l-erbatax u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsdrah b'mod distint u separat.

L-ewwel akkuza giet moghtija kemm fil-konfront ta' Renald Barbara kif ukoll fil-konfront tal-imputat l-iehor Brian Cilia u ghalhekk dak li l-Qorti ser tghid fil-konfront ta' Renald Barbara ghadu japplika, *mutatis mutandi* fil-konfront tal-imuptat Brian Cilia.

Illi l-ewwel akkuza hija dik li titratta dwar reat kontinwat kif propost fl-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artiklu 18, li f'kull kaz huwa wiehed fakultativ ghall-Qorti u mhux tassattiv (vide **Pulizija vs Anthony Abela** deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax ta' Gunju, 1998***), jipprovdi li fil-kaz ta' reat kontinwat il-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi, u mhux necessarjament ghandha hekk tizdied. Fi kliem iehor jispetta ghall-gudikant fil-kaz koncernat li jiddecidi jekk ghandux ikun hemm iz-zieda ta' grad jew tnejn fil-piena.

Reat kontinwat isehh meta d-diversi atti maghmulin mill-hati ukoll jekk fi zminijiet differenti ikunu jistghu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda. Dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat. Il-**Professur Anthony Mamo** fin-noti tieghu ***Criminal Law Notes*** jaghti definizzjoni ta' reat kontinwat billi jghid is-segwenti:

> "*a continuous offence postulates two or more violations of the same provision of the law committed at the same tine or at different times, that is, in other words a series of acts which may be regarded as apart but which by a "fictio iuris" are considered by the law as forming one single transaction on account of the one and the same criminal determination or design which links them together*".

Issa minn esami tal-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputati u cioe fid-dawl tal-ammissjonijiet fuq imsemmija, jirrizulta li l-imputati kkomettew diversi serqiet f'perjodu qasir, liema serqiet jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w appuntu dawk naxxenti mit-titolu IX tal-Kap 9 u cioe` dak li jikkoncerna id-delitti kontra l-proprjeta' kif aktar maghruf fuq is-serq.

Illi ghalkemm tali artikolu 18 ma jitkellimx fuq akkuza specifika, xorta jaghti il-fakulta` lill-Qorti li zzid il-piena f'kaz li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi stante r-ripetizzjoni tal-istess delitt.

L-imputat Renald Barbara m'ammettiex it-tnax l-akkuza u cioe` talli allegatament nhar fit-tmienja w ghoxrin ta' April, 1999 matul il-gurnata minn Alley 2, College Street, Rabat, ikkometta serq ta' zewg roti li jiswew aktar minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Rita Camilleri mir-Rabat.

Illi dwar din l-akkuza il-Prosekuzzjoni ressqet lil **Rita Camilleri** tixhed fis-sitta ta' Settembru, 1999 li qalet li fit-tmienja w ghoxrin ta' April tal-1999 hija kienet marret l-Ghassa tal-Pulizija ir-Rabat w irraportat li serqulha mill-bitha zewg roti tal-ghamla Racer u Choper u li kellhom valur ta' mija u tmenin lira maltin u erbghin lira maltin rispettivament.

Xehed ukoll **PS 690 Carmelo Pace** li esebixxa l-okkorrenza relattiva dwar dan is-serq tar-roti u cioe` id-dokument MW 1 minn fejn jirrizulta dak li qalet l-istess Rita Camilleri.

Illi f'dan ir-rapport tirrizulta anomalia fis-sens illi hemm imnizzel bhala *suspects* iz-zewg imputati fost bniedem iehor pero' meta d-derubata giet mistoqsija jekk kellhix xi suspett (fol 4 tar-rapport) hija wiegbet fin-negattiv "*complainant suspects no one*".

Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll l-istqarrija li rrilaxxja Renald Barbara a fol 25 tal-process dokument CSH 8 u minn esami akkurat tieghu ma jidhirx li hemm xi referenzi lanqas remoti ghal dan is-serq tar-roti u ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputat ghadu iwiegeb ghal din l-akkuza. Il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova ir-reat tas-serq izda mhux in-nexus mal-imputat u ghalhekk il-Qorti tiddikjara li mhux qed issibu hati taghha.

Dwar it-tlettax l-akkuza moghtija fil-konfront tal-imputat Renald Barbara u cioe' talli qabel l-ghoxrin ta' Gunju, 1999 minn gewwa Paradise Bay Hotel fic-Cirkewwa kkommetta serq li kwantita` ta' flus kontanti barranin ghad-dannu ta' Skidmoro u Reynolds.

Il-Prosekuzzjoni dwar din l-akkuza ma ppruvat xejn; la ressqet lid-derubati jixhdu, la ressqet lill-Ufficcjal tal-Pulizija li kien inkarigat mir-rapport jixhed u jirrelata dwar dak li kien

investiga u lanqas ma ppruvat il-partecipazzjoni jew konnessjoni tal-imputat ma tali allegat serq. Il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz lanqas ma pprovat is-serq per se, wisq inqas il-partecipazzjoni tal-imputat f'tali allegat delitt.

Il-Qorti ghalhekk ma ssibx lil imputat hati ta' din l-akkuza u tilliberah minnha.

Dwar l-erbatax l-akkuza u cioe dik ta' ricettazzjoni moghtija fil-konfront taz-zewg imputati, din ma tirrizultax ppruvata u ghalhekk din inghatat b'mod alternattiv ghall-akkuzi principali ta' serq u stante li l-imputati ammettew l-akkuzi principalment ta' serq, il-Qorti ma tistax wkoll issibhom hatja ta' ricettazzjoni, ghaliex stante li huma hatja ta' serq ta' diversi oggetti naturalment li jsehh, ma tistax ssibhom hatja talli ircivew l-oggetti gejjin minn attivita kriminuza. Il-Qorti ghalhekk tiddikjara ma ssibhomx hatja ta' din l-akkuza u tilliberhom minnha.

Dwar il-hmistax l-akkuza moghtija fil-konfront taz-zewg imputati u cioe dik ta' hsara voluntarja waqt il-kommissjoni tas-serq tal-muturi tad-dghajjes, il-Qorti tiddikjara li ma ssibhomx hatja ta' din l-akkuza stante li sabithom hatja tal-akkuza tas-serq

taghhom kif aggravat bil-mezz u ghalhekk il-hsara li ghamlu l-imputati hija nkorporata fl-aggravji tal-mezz fl-akkuza principali tas-serq – il-hsara kagjonata kienet biss *a means to an end* – u ghalhekk kien il-mezz kif sehhet s-serqa. Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li ma ssibhomx hatja lanqas ta' din l-akkuza.

Illi ghalhekk il-Qorti qed ssib lil imputati hatja biss tal-akkuzi li ammettew huma stess fis-seduta tas-sitta ta' Dicembru, 2000 oltre l-ewwel akkuza ta' reat kontinwat u minn l-akkuzi l-ohra qed tilliberahom.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 18, 261, 263, 264, 267, 269, 270, 271, 278, 279, 280, 334, 325, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena:

Il-Qorti semghet t-trattazzjoni tal-Avukat Difensur u tal-Ufficjal Prosekutur. Rat li l-imputati kkoperaw mal-Prosekuzzjoni u fil-fatt hafna mill-oggetti misruqa gew rikoverati u moghtija lura lil sidhom.

L-imputat Brian Cilia ghandu fedina penali nadifa hafna waqt li l-imputat Renald Barbara ghandu diversi reati registrati fuqha. Jidher li l-imputat Renald Barbara diga nghata Probation Order, multi u sahansitra anke kellu sentenza ta' habs pero dan nonostante reggha qieghed quddiemha bl-akkuzi odjerni.

Illi ghalkemm jirrizulta li l-imputat kiser l-ordni tal-Probation moghtija lilu fit-tmintax ta' Marzu, 1998 huwa ma giex akkuzat b'hekk u ghalhekk il-Qorti ma tistax ssibu hati ta' din l-akkuza.

L-Avukat Difensur tal-imputat fedelment qal li l-imputat fil-present jinsab il-Facilita Korrettiva ta' Kordin jiskonta sentenza ta' prigunerija pero dan il-fatt ma jirrizultax mill-atti, lanqas mill-fedina penali tieghu ta' x'hiex huwa kien nstab hati. Lanqas ma hemm is-sentenzi relattivi esibiti fl-atti u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu din l-informazzjoni in konsiderazzjoni meta tigi biex tapplika il-piena.

Illi l-Avukat Difensur spjiega kif Renald Barbara llum biddel hajtu u donnu qabad t-triq t-tajba tant li fil-present qed jigi segwit minn Probation Officer, stante li kien wasal f'xifer l-irdum meta

kellu l-problema mishuta tad-drogi. Illi din l-problema llum il-gurnata ssokkombiha u m'ghadux jiehu u jabbuza mid-drogi.

L-imputat Brian Cilia ghandu impjieg fiss u serju u kif jirrizulta mill-verbal tas-sitta ta' Dicembru, 2000 l-imputat huwa impjegat ma wiehed mid-distributuri ta' Farsons.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti qed tara li hemm speci ta' volonta da parti tal-imputati li jibqghu fit-triq it-tajba pero l-Qorti ma thossx li dan jista jsir minghajr is-supervizjoni akkurata ta' Probation Officer.

Il-Qorti kienet tkun hafna iktar kuntenta li taghti sentenza ta' prigunerija sospiza pero peress li l-imputat Renald Barbara huwa recidiv, il-ligi ma tippermetix li jinghata tali piena.

Il-Qorti m'ghandhix taghmel distinzjoni bejn l-imputat meta tigi biex tapplika l-piena salv li dik fil-konfront tal-imputat Renald Barbara trid tkun aktar severa peress li mhux *a first time offender* bhal l-imputat Brian Cilia.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti thoss li l-piena idejali hija dik li tpoggi liz-zewg imputati taht Probation Order fil-massimu.

**Illi ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed ssib lil imputat Renald Barbara hati tal-ewwel, t-tieni, t-tielet, s-seba', t-tmien, d-disgha, l-ghaxar, l-hdax u l-hmistax l-akkuza u mhux hati tat-tnax, t-tlettax u l-erbatax l-akkuza u tilliberah minnhom; filwaqt li qed ssib lil imputat Brian Cilia hati tal-ewwel, t-tieni, t-tielet, r-raba, s-sitt, s-seba', t-tmien, d-disgha u l-hmistax l-akkuza u mhux hati tal-erbatax l-akkuza u tilliberah minnhom.**

**Bhala piena, tordna li l-imputati jitqieghdu taht Probation ghal perjodu ta' tlett snin taht il-Probation Officer Marietta Lanzon fil-konfront tal-imputat Renald Barbara u Marianne Zammit fil-konfront tal-imputat Brian Cilia taht il-kundizzjoni li l-imputati jattendu regolarment ghal appuntamenti moghtija lilhom mill-istess Ufficjali tal-Probation, li jiehdu sample ta' l-urina taghhom kull xaghrejn sabiex jigi accertat li m'ghandhomx tracci ta' droga u li jhallsu fi zmien tlett snin mill-lum fil-konfront tal-imputat Renald Barbara, multa ta' hames mitt lira maltin, liema multa bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9, ghandha tithallas**

**b'rati mensili ta' sittax il-lira bl-ewwel pagament dovut nhar l-ghoxrin ta' Frar, 2001 u l-ahhar pagament fl-ghoxrin ta' Frar, 2004 li ghandu ikun ta' erbghin lira maltin u fil-konfront tal-imputat Brian Cilia ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' mitejn lira maltin lil ghandhom jithallsu f'rati mensili ta' erbghin lira maltin konsekuttivament.**

**Il-Probation Officers ghandhom jirrelataw lura lil din l-Qorti kull erbgha xhur sabiex jinformaw lil Qorti dwar l-andament ta' kull imputat.**

**Il-Qorti tordna notifika ta' din s-sentenza lil Probation Officers Marianne Zammit u Marietta Lanzon.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Magistrat**